MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 565/2004

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Joswil Galea**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta’ Marzu, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u disgha u tletin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm239.58) prezz ta’ merkanzija varja lilu mibjugha u kkonsenjata.

Illi nonostante li gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ Gunju 2003 dan baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kif ukoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u disgha u tletin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm239.58), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata fis-6 ta’ Gunju, 2003, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------